**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jacqueline Farrugia**

Numru 477/2010

Illum 16 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Jacqueline Farrugia**, bint Grezzju Farrugia u Maria Dolores neé Dalli, imwielda Pietà nhar it-18 ta' Novembru 1981, residenti "Id-Dar", Triq Moroni, Gzira detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 642281(M)

akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Frar 2010 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

1. forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar

il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 5) datat 30 ta' April 2010 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputata titressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 122/10 redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi dwar pakketti kontenenti sustanza suspettuza droga eroina misjuba f'tas-Sliema waqt l-arrest ta' Jacqueline Farrugia (*a fol.* 20 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 113) datata 8 ta' Frar 2013 fejn bis-sahha ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 148a *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 151) u fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 153), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 165), lid-difiza tirrinunzja ghad-depozizzjoni ta' Jean Cali li d-difiza xtaqet li terga' tinstema' u dana *stante* li meta hija xehdet quddiem din il-Qorti kif

diversament preseduta d-depozizzjoni taghha ma gietx registrata, f'liema seduta d-difiza talbet li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputata, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard (*a fol.* 170 *et seq.*) u rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "MA 1" - *a fol.* 171 *et seq.*) redatt minnha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 192 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' April 2019, is-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 199 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Grech** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2010 l-Pulizija marru sabiex jezegwixxu mandat fil-konfront ta' certu Jason Michael Abela fil-hin li kellu jmur jiffirma fl-Ghassa ta' tas-Sliema. Jghid li dakinhar Abela twassal mill-*partner* tieghu l-imputata u peress li l-Pulizija ssuspettaw li kellha xi haga illegali, il-Pulizija marru hdejha peress li kienet fil-vettura u gie nnutat li kellha xi haga f'idejha u ramietha. Jghid li rrizulta li kienet ramiet disa' *sachets* tal-karti maghmulin minn karti ta' magazine *Owners Best* u li go fihom kien hemm sustanza suspettata droga eroina. Jghid li anke l-imsemmi Abela gie arrestat dwar dan u li saret tfittxija fir-residenza taghhom gewwa Triq Moroni, il-Gzira fejn instabu xi *magazines* tal-*Owners Best* fejn kien hemm xi karti maqtughin. Jghid li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Mizzi li ordna li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn gew mahtura diversi esperti. Jghid x'gie elevat. Jixhed li ttiehdet stqarrija tal-

imputata fit-2 ta' Frar 2010, liema stqarrija giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "PG" (*a fol.* 31 *et seq.*).

In kontro-ezami jghid li ilu fid-*drugs squad* ghal tmien snin. Mistoqsi jghid jekk jafx li dakinhar tal-arrest fir-rigward tal-kawza odjerna jekk Jason Abela kellux kazijiet pendenti fuq droga li kienu ghadhom m'humiex decizi, wiegeb: *"Jista' jkun. Naf illi kellu xi kazi qabel. Imma miniex ha nidhol fid-dettal f'dawk il-kazi ghax mhux tieghi"* (*a fol.* 29). Mistoqsi jghid jekk jafx li l-imsemmi Abela hux jiskonta sentenza fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, wiegeb: *"Jista' jkun"* (*a fol.* 29). Ghad-domanda: *"Inti taf li s-sinjura u Jason Abela ghandhom anke tfal jghixu…"* (*a fol.* 29), wiegeb: *"Iva. Irrizultali mill-investigazzjoni"* (*a fol.* 29). Ghad-domanda jekk hassx li hawn kellu sitwazzjoni fejn xi hadd qed jerfa' xi haga ta' haddiehor, wiegeb: *"Huwa element illi tista' tigi f'dubju fih hafna drabi specjalment fejn jidhlu partners jew ahwa. Jigifieri hija xi haga naturali li jghaddielek – imma ma jfissirx – trid tara x'jirrizultalek. Jien personalment irrizultali, issa jiena ovvjament issa huma x'inhuma l-hsibijiet tieghi whatsoever, per ezempju, lil Jason Farrugia [Abela] minghalih li ressaqtu…"* (*a fol.* 29). Jghid: *"Fil-fatt darba gie hawn min ghalih li akkuzat hu"* (*a fol.* 29).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed ukoll ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 35) fejn qal li gie nominat mill-Magistrat Dr. A. Mizzi. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 37 *et seq.*). Fir-rapport imsemmi jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"(a) Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-disa' qratas fid-dokument 042_10_01 instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 1.81 grammi u l-purita' tat-trab kien ta' cirka 32%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *(b) Illi fuq swabs mehuda mill-aluminium foil li hemm fid-dokument 042_10_02 instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(c) Illi kien hemm <u>Mechanical fits</u> bejn hames qratas (mid-disa) li hemm fid-dokument 042_10_01 mal-Owners Best Magazine li hemm fid-dokument 042_10_03" (a fol.* 46*)".*

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed ukoll **PS 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' 7.00pm hu, flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad*, marru biex iwaqqfu lil Jason Abela li malli dahal fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema gie mizmum biex issir tfittxija fuqu peress li kellhom Mandat ta' Tfittxija. Jghid li gie nnutat li kienet it-tfajla tieghu li waslitu l-Ghassa fejn malli gie nnutat li din regghet marret bil-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IHF 115 marru fuqha hu u PC 364, u jixhed: *"bdiet taghmel hafna storbju, qabda ghajjat u kull darba li ahna lilna naqbdu u mqabbdin maghha"* (*a fol.* 61). Jghid li nharget mill-vettura fejn kellha idha ponn u f'hin minnhom fethet idha u ma' l-art innutaw borza li kien fiha disa' qratas. Jghid li wara saret tfittxija fir-residenza taghhom f'Triq Moroni gewwa tas-Sliema fejn mill-kcina gew elevati xi karti mqattghin u kotba tal-*Owners Best* li kienu jidhru li huma simili hafna tal-qratas. Jghid li dawn gew elevati u gew mghoddija lill-iSpettur.

In <u>kontro-ezami</u> ikkonferma li l-ordni li kellhom mis-superjuri taghhom kienet indirizzata fil-konfront ta' Jason Abela. Ikkonferma li l-*magazine* tal-*Owners Best* gie elevat biex isiru ezamijiet.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehdet ukoll **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn xehdet fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 579 Antoine Micallef. Identifikat lill-imputata fl-awla u qalet li hi flimkien ma' 364 u PS 579 marru fejn il-vettura fejn kien hemm l-imputata u tghid: *"Din giet bil-hassle biex hrigniha mill-karrozza u kif imbaghad arrestajnieha u konna fejn it-tarag ta' fejn l-Ghassa, PS 579 induna li mal-art fejn saqajha kien hemm borza mdaqqsa"* (*a fol.* 64). Jghid li din ingabret u minn hemm marru gewwa fejn WPC 113 ghamlet *strip search* fuq l-imputata fejn ma rrizulta xejn irregolari. Tghid li l-imputata ttiehdet id-*Depot* u li l-kollegi taghha rgiel marru ma' Jason.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2010 huwa kien ghadu fil-kariga ta' Surgent bin-numru PS 396 u jghid li kien ghadu stazzjonat fid-*Drugs Squad*. Xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 579 Antoine Micallef. Jghid li minn tfittxija li saret fl-Ghassa tal-Pulizija fuq Jason Abela ma rrizulta xejn. Jghid pero' li x'hin hareg barra ra li Pulizija ohra kienu sabu xi affarijiet fuq l-imputata. Jghid li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata u Jason Abela gewwa Triq Moroni nstabu *magazines* tal-*Owners Best* li kienu bil-pagni mqattghin. Jghid: *"Nixtieq inzid ukoll illi meta jiena rajt, jiena u shabna rajna li kienu nstabu l-affarijiet fuq Jacqueline Farrugia l-qratas suspettati eroina li kienu nstabu fuqhom kienu jixxiebhu hafna mal-magazine ta' xi Owners Best jew hekk"* (*a fol.* 66-67). Jghid li fil-fond instab *magazine* tal-*Owners Best* bil-pagni mqattghin. Jghid li nstabu wkoll xi karti ohra mqattghin. Jghid li dawn gew elevati.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li huma marru biex jarrestaw lil Jason Abela u li marru l-Ghassa tal-Pulizija peress li kienu jafu li jiffirma hemmhekk. Jghid li Jason Abela mar l-Ghassa mal-imputata li kienet qed issuq Peugeot. Jghid li fuq il-persuna ta' Jason Abela ma nstab xejn meta mar jiffirma. Jghid li ma kienx prezenti meta nstabu s-*sachets*. Ghad-domanda: *"Issa, kieku kelli nghidlek illi dawn is-sachets fil-fatt huma ta' Jason Abela, xi tghid int?"* (*a fol.* 67), wiegeb: *"Jiena fuq Jason Abela ma sibt xejn"* (*a fol.* 67). Meta rega' gie mistoqsi, jghid li hu ma dahalx f'dik il-parti tal-investigazzjoni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed **PC 364 David Borg** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2010 fuq struzzjonijiet moghtija mill-iSpettur Pierre Grech hu flimkien ma' PS 396 Saviour Baldacchino (illum Spettur), PS 579, PC 773 u WPC 23 marru biex jezegwixxu Mandat ta' Arrest u Tfittxija fuq Jason Abela. Jghid li l-kollegi tieghu arrestaw lill-imsemmi Abela ghas-7.00pm fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema u sakemm hu (PC 364) kien diehel l-Ghassa, innota li fejn l-Ghassa tal-Pulizija kien hemm ipparkjata l-vettura tieghu u fuq is-*seat* tax-xufier kien hemm l-imputata. Jghid li l-vettura kienet tal-ghamla Peugeot u li l-vettura kellha t-tieqa miftuha u fuq wara tal-vettura kien hemm zewgt itfal. Jghid li qalilha li ried ikellimha, *"gbidtilha c-cavetta tal-karroza minn go l-*

*ignition, ftahtilha l-bieba u kif ftahtilha l-bieba u ppruvajt inzommha mill-polz ta' idejha, mit-tnejn li huma, qabdet tirrezisti u pruvat taqla' kommossjoni"* (*a fol.* 75). Jghid li f'dan il-hin hu kien wahdu u ftit sekondi wara marru l-kollegi tieghu, u jispecifika li kienu PS 579 u WPC 23 u PS 396. Jghid: *"Kif rajt hekk, jien bil-ponnijiet maghluqin, pruvajt nifthilha wahda mill-pali ta' idejha sakemm gew il-kollegi tieghi. Irnexxili niftahielha wahda minnhom, li ma kellha xejn f'dik l-id pero' mbaghad kif ovvjament il-kollegi tieghu harguha barra mill-karrozza, l-ponn l-iehor kien ghadu maghluq"* (*a fol.* 75). Jghid li bdiet tghid ukoll: *""dejjem maghna taqbdu intom. Dejjem maghna taqbdu""* (*a fol.* 77). Jghid li dan il-kliem bdiet tghidu b'ghajjat u storbju u *"bqajt inzommha mill-polz, kif il-kollegi tieghi waslu warajja ezatt u hatfulha id minnhom, jiena 'l ohra pruvajt nifthilha l-polz ghax hi kienet qed izommhom iebsin u ma bdietx thallini jigifieri. Kif ftahtilha s-swaba ta' dik l-id li bdejt nipprova niftah jiena, imbaghad ma kellha xejn dak il-hin f'idejha, f'dik l-id jigifieri. L-ohra zammitha maghluqa."* (*a fol.* 77). Jixhed li l-imputata ddahhlet fl-Ghassa u hu baqa' mal-vettura minhabba li kien hemm it-tfal fiha. Jghid li t-tfal iddahhlu fl-Ghassa u li jaf hu li fejn l-Ghassa *"huma u johorguha, mbaghad sabu xi borza mdaqqsa tikkontjeni xi qartas li dan il-qartas kien jikkontjeni xi disa' pakketti bid-droga suspettata eroina"* (*a fol.* 75). Jghid li hu ma lehaqx rahom dawn. Jghid li sema dwar dan minn ghand il-kollegi tieghu. Mistoqsi jghid jekk f'xi hin rax il-polz miftuh, wiegeb: *"Le, dak il-ponn hi bdiet taghmel rezistenza biex ma niftahhomlhiex"* (*a fol.* 76). Jghid li hu flimkien ma' PS 579 u llum Spettur Saviour Baldacchino marru ghamlu tfittxija fir-residenza "Id-Dar", Triq Moroni, Gzira li huwa jghid hija ta' Jason u hemmhekk elevaw xi karti mqattghin suspettuzi, xi boroz suspettuzi u erba' *mobile phones*. Jghid li t-tfittxija li saret fil-vettura rrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PS 612 Theo Vella** (*a fol.* 78) fejn spjega li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali. Ipprezenta r-rapport tieghu konsistenti f'numru ta' ritratti liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "TV" (*a fol.* 80 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Stephen Cachia** (*a fol.* 85) in rapprezentanza ta' *Transport Malta* fejn xehed li minn ricerka li saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAF 115 irrizulta li din hija Peugeot 405 ta' kulur ahdar u li hija registrata fuq

Jacqueline Farrugia, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 642281(M) u li kienet ilha hekk registrata mit-12 ta' Awwissu 2008. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SC" (*a fol.* 86 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012, ha l-pedana tax-xhieda **Jason Abela** (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn ghazel li ma jiddeponiex minhabba li setghet jinkrimina ruhu.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013, xehed **PC 773 Ryan Tonna** (*a fol.* 117 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Frar 2010 kellhom struzzjonijiet biex jaghmlu tfittxija fuq certu Jason Abela. Jghid li kien mar l-Ghassa tal-Pulizija f'tas-Sliema mal-kollegi tieghu u kif Abela mar jiffirma, hu u s-Surgent (illum Spettur) Baldacchino ghamlu tfittxija fuqu li rrizultat fin-negattiv. Mistoqsi jghid jekk kienx ra lil Farrugia fuq il-post, wiegeb: *"Iva, mbaghad ghax hu [Abela] qisu beda jagita ruhu kif sar jaf qisu hemm il-Pulizija taghna qed ifittxu lilha u kien mohhu biex jipprova johrog"* (*a fol.* 118).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, xehdet l-imputata **Jacqueline Farrugia** minn jeddha u b'mod volontarju (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn ikkonfermat li kienet irrilaxxat stqarrija lill-Pulizija. Giet infurmata li kienet ser tinqara lilha l-istqarrija (Dok. "PG" – *a fol.* 31 *et seq.*) rilaxxata minnha u li kienet ser tigi mistoqsija ghala wiegbet kif wiegbet. Tghid li r-relazzjoni taghha ma' Jason Abela ma ghadhiex tezisti.

> F'dan l-istadju giet moqrija lill-imputata l-istqarrija rilaxxata minnha fejn jinghad is-segwenti: Tghid li hija mara tad-dar u li hija xebba u li ghandha zewgt'itfal. Tghid li fid-dar taghha fil-Gzira tghix ma' Jason Abela u t-tfal taghha. Tghid li tabbuza mill-eroina u tghid li tahraqha bil-*foil*. Tghid li ma tittaqqabx bil-labbra u li ilha tiehu l-eroina madwar sena u nofs. Ikkonfermat li l-gurnata ta' qabel (li ttiehdet l-istqarrija) giet imwaqqfa mill-Pulizija gewwa tas-Sliema hdejn l-Ghassa tal-Pulizija. Tghid li wasslet lil Jason l-Ghassa bil-vettura taghha biex jiffirma. Tispjega li harget mill-vettura u meta kienet ser terga' tidhol fil-vettura marru l-Pulizija fuqha. Tghid li nhasdet

u li wiehed minnhom tfiela' l-vettura u qala' c-cavetta tal-vettura. Tghid li peress li nhasdet irrezistiet, it-tifla bdiet tghajjat u hi (l-imputata) inharget mill-vettura u ghamlulha l-manetti. Tispjega li sakemm kienet qieghda faccata tistenna lill-Pulizija jgibulha lit-tifla mill-vettura, kellha borza pakketti, minn ghaliha sebgha kien hemm, tghid li l-Pulizija ma ndunawx bihom mal-ewwel u telqithom mal-art. Tghid ukoll li sakemm il-Pulizija gabulha t-tfal vicin taghha, wiehed lill-iehor qallu biex igib it-*torch* u fittex fejn kien telaq il-pakketti u gabarhom. Tghid li l-pakketti kien fihom l-eroina u mistoqsija kemm kellu eroina kull pakkett, wiegbet: *"dawk point two (0.2) jkunu"* (*a fol.* 32). Tghid li ma tizinhomx u tghid ukoll li tippakkja dawk il-pakketti qratas *"ghax jien nixtriha shiha, forsi jkun hemm xi gramma u nohduha ghalina"* (*a fol.* 32). Tghid li johduha hi u Jason. Mistoqsija tghid kemm tiehu eroina, tghid li tiehu zewg pakketti kuljum. Tghid li Jason jiehu madwar tlieta kuljum. Mistoqsija tghid minn fejn iggib il-flus biex tixtri d-droga, tghid li gie li jaghtiha Jason, gie li mic-cekkijiet tar-relief u gie li tmur il-Gzira biex ikollha l-flus. Tghid li: *"Minn jeddi nmur ghax ghat-tfal naghmel kollox biex ingib il-flus"* (*a fol.* 33). Tghid ukoll li lil Jason ilha tafu tnax il-sena u minn dejjem ghixu flimkien. Mistoqsija tghid jekk tmurx hi tixtri l-eroina, tghid li gie li jmorru flimkien pero' l-Hadd ta' qabel kienet wahidha. Tghid li l-bicca l-kbira tixtri l-eroina minn ghand l-istess nies. Mistoqsija tghid jekk minn mindu bdiet tiehu d-droga jekk hux minn dejjem tbiegh l-eroina, wiegbet: *"Le, jien mhux dejjem inbiegh, jien mhux xi wahda pusher, l-anqas"* (*a fol.* 33). Mistoqsija tghid kemm tbiegh, tghid: *"Meta ninqabad bla flus biss, gieli cempilli xi hadd u naghtih"* (*a fol.* 33). Tghid li titlob ghoxrin Euro (€20.00) ghal pakkett heroine. Mistoqsija tghid jekk hija tixtrix dejjem bil-gramma, wiegbet: *"Il-bicca l-kbira, iva. Gramma jew tnejn l-izjed"* (*a fol.* 33). Tghid li Jason ma jbieghx. Mistoqsija tghid lil min gie li bieghet, wiegbet: *"Lil min icempel hux"* (*a fol.* 33) u mistoqsija tghid jekk kuljum icempilx xi hadd biex jixtri d-droga minn ghandha, wiegbet; *"Mhux dejjem"* (*a fol.* 34). Tghid li Jason jaf li hi tbiegh l-eroina u li qatt ma ghenha fil-bejgh. Mistoqsija tghid x'kienet ser taghmel b'dawk id-disa' pakketti tal-gurnata ta' qabel, wiegbet: *"Biex inzommhom, ghalija. Il-bicca l-kbira bdejna*

*nzommuhom ghalina, dan l-ahhar"* (*a fol.* 34). Mistoqsija tghid jekk kieku kien jinqala' xi hadd icemplilha biex jixtri jekk kinitx tbieghlu, wiegbet fl-affermattiv. Tghid li l-karti ta' *magazine* li nstabu fid-dar taghhom juzawhom biex jaghmlu l-pakketti. Ghad-domanda jekk hija qattx thajjret taghmel xi programm jew xi haga kontra l-vizzju kontra d-droga, wiegbet: *"Iva, bdejt immur is-Sedqa, id-Detox nara t-tabib, insejt x'jismu, u kont se nibda s-Suboxone ukoll"* (*a fol.* 34). F'dan l-istadju ntemm il-qari tal-istqarrija rilaxxata mill-imputata.

Tikkonferma li lill-Pulizija qaltilhom dan t'hawn fuq fl-istqarrija taghha. Tghid li dakinhar wasslet lil Jason Abela biex jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema peress li kellu kawza pendenti fuq droga. Tghid li hija bdiet tistennieh fil-vettura u li maghha kien hemm iz-zewgt itfal. Tghid li nizlet mill-vettura u rat li kien hemm kommossjoni fil-bieb tal-Ghassa tal-Pulizija u ndunat li kien gara xi haga. Tghid li hija kienet taf li fil-vettura kien hemm borza bil-pakketti. Mistoqsija tghid ta' min kienu, wiegbet: *"Ta' Jason kienu hu, qalli biex inzommhomlu sakemm jidhol jiffirma"* (*a fol.* 133). Tghid li ramithom x'hin rat lill-Pulizija. Meta nghad lilha li fl-istqarrija qalet li hi kienet tbiegh id-droga u li Jason ma kienx ibiegh droga, qalet: *"Jiena dakinhar kont imbezza' hu, hadulu t-tfal dakinhar"* (*a fol.* 134). Tghid li t-tfal ittiehdu f'istitut. Tghid: *"Ifhem il-pozizzjoni li gejt fiha jiena tfajtha fuqi fhimt ghax kont imbezza' bhal speci, Jason diga' kellu kawza"* (*a fol.* 134). Tghid li Jason ma kellux kawza wahda fuq id-droga pero' tghid li ma tafx ezatt kemm kellu. Tghid li fuq wahda diga' wehel ghaxar xhur habs. Tixhed: *"Jien waddabtha fuqi hu biex ma nzidlux il-piz hu"* (*a fol.* 134). Ghad-domanda: *"Fil-fatt lilu ghidtulu dan id-diskors int, ghax ghamel perjodu kien qed jahseb li din il-kawza hija tieghu?"* (*a fol.* 134), wiegbet: *"Ehe ezatt"* (*a fol.* 134). Mistoqsija tghid x'kien jaghmel Jason meta kien idahhal id-droga ghandhom, wiegbet: *"Jippakkjaha hu biex ikun jista' jbieghha hu u jhalli ftit biex niehdu ahna"* (*a fol.* 135). Tghid li llum il-gurnata ghamlet il-programm mal-Caritas u lestitu b'success.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hi ma kinitx imbezza' mill-Pulizija pero' ghax riedet tohrog ghax it-tfal haduhomlha. Mistoqsija tghid ghaliex tat verzjoni differenti minn dak li qalet fl-istqarrija rilaxxata

minnha, wiegbet: *"Ghax kont nibza' minn Jason hu"* (*a fol.* 136). Tixhed: *"Kont nibza' ghax kellu kaz diga', ma ridtx nghabbieh izjed b'kazi u tfajtha fuqi bhal speci ghalhekk"* (*a fol.* 136). Tghid li riedet tghatti lilu u hu ma jitghabbiex. Ghad-domanda jekk hija ppreferietx tmur habs milli jmur Jason, wiegbet: *"Dak il-hin ma qghadx nahseb f'habs hu"* (*a fol.* 136). Mistoqsija dwar il-*magazines* li nstabu d-dar, tghid li dawn kien juzahom Jason u kien iqatta' minnhom biex jaghmel l-eroina fihom. Ghad-domanda kif kienet taf li fil-vettura kien hemm l-eroina tghid li Jason kien qalilha bihom. Tghid li qabel Jason dahal jiffirma, qalilha: *"Zommli dawn, u b'hekk kont naf"* (*a fol.* 137). Mistoqsija tghid ghalfejn zammiethom ladarba kienet taf li kien hemm l-eroina, wiegbet: *"Dak il-hin mhux ha toqghod tghid ghal fejn hu"* (*a fol.* 137). Tghid li wara kienet ser terga' taghtihomlu peress li kien ser izommhom hu. Tghid li hija qatt ma bieghet id-droga.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2015, xehdet **Jean Calí** (*a fol.* 147) id-depozzizzjoni ta' liema ma gietx registrata.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016, xehed is-**Supretendent Dennis Theuma** (*a fol.* 154) fejn qal li ilu fis-Sezzjoni tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga minn Mejju 2004. Mistoqsi dwar Jason Abela mlaqqam "it-Turan" jghid li l-fizzjali kollha tad-*Drug Squad* jafu bih specjalment fil-perjodu tal-imputazzjonijiet tal-kawza odjerna. Jghid li kien *pusher* u ma jeskludiex li ghadu u jghid li ghandu diversi kazijiet ma' diversi Spetturi li jinsabu fi stadju ta' appell fejn inghata piena ta' habs effettivi. Mitlub jikkonferma jekk Jason Abela kienx il-*partner* tal-imputata fiz-zmienijiet li jsiru riferenza ghalihom fil-kawza odjerna, wiegeb: *"Sa fejn naf jien iva"* (*a fol.* 154).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017, xehed **Noel Cassar** (*a fol.* 160 *et seq.*) fejn qal li huwa *care worker* mal-Caritas. Mistoqsi jghid x'qaltlu Jean Calí dwar l-imputata jghid li Jacqueline Farrugia ghamlet kuntatt mal-Caritas fil-11 ta' Awwissu 2009 fejn kienet tattendi matul is-snin. Jghid li qatt ma ghamlet programm. Jghid ukoll li ghamlet ghaxar *sessions* mal-Caritas bejn l-2009 u l-2016 u li l-imputata ilha ma tattendi mal-Caritas minn Jannar 2016. Jghid li lill-imputata ma jafhiex personalment.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejn spjegat li l-imputata, kemm fil-passat u fiz-zmien li kienu saru r-reati, kellha d-dipendenza fuq id-droga. Tghid li l-imputata kienet qieghda tghix hajja kaotika u li kienet f'relazzjoni ma' xi hadd iehor li wkoll kellu dipendenza fuq id-droga. Tixhed: *"Illum il-gurnata jirrizulta li qeghda zzomm lura mid-droga, ghandha hajja hafna iktar stabbli […]. Hajjitha nbidlet ta' taht fuq fis-sens li mxiet ghal pozittiv. Hi attendiet kull appuntament moghtija lilha u zammet impenn, ipprovdit kampjuni tal-urina nodfa, l-andament taghha jidher li huwa wiehed pozittiv"* (*a fol.* 170A). Ezebiet is-*Social Inquiry Report* redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MA 1" (*a fol.* 171 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputata tigi ddikjarat hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta'

prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fl-1 ta' Frar 2010 il-Pulizija marru sabiex jezegwixxu mandat fil-konfront ta' Jason Abela fil-hin li kellu jmur jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, fejn liema Abela gie mwassal bil-vettura mill-imputata li kienet f'relazzjoni mieghu, u filwaqt li minn tfittxija li saret fl-Ghassa tal-Pulizija fuq Jason Abela ma rrizulta xejn, meta l-Pulizija marru fejn kienet l-imputata fil-vettura tistenna lil Abela, jinghad li ramiet borza li fiha kien hemm numru ta' *sachets* tal-karti li go fihom kien hemm sustanza li wara rrizulta li kienet eroina.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputata u l-imputata giet akkuzata bis-segwenti: bi traffikar tad-droga eroina u b'pussess aggravat tad-droga eroina. Filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 192 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni tishaq li z-zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputata ghandha tinstab hatja taghhom, fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 199 *et seq.*) id-difiza tishaq ghala l-imputata ghandha tigi liberata mill-imsemmija imputazzjonijiet.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputata, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li taghmel riferenza ghal dak mitlub mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 201) fejn intalab li l-istqarrija rilaxxata mill-imputata fit-2 ta' Frar 2010 tigi skartata u dana in vista tal-gurisprudenza f'dan ir-rigward. *Di fatti*, il-Qorti tinnota li ser tigi skartata l-istqarrija (Dok. "PG – *a fol.* 31 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata fit-2 ta' Frar 2010 u dana *stante* li din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija u dana in vista tal-gurisprudenza kopjuza ricenti, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta** u, fost l-ohrajn, dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**. Riferenza ghandha ssir ukoll ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** f'liema kawza l-Qorti Kostituzzjonali trattat il-kwistjoni meta l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt pero' l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Kif nghad hawn fuq, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputata *stante* li ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li tkun ghamlet l-imputata minghajr ma tkun giet moghtija d-dritt imsemmi hawn fuq, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li tkun ghamlet lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta wkoll bhala inammissibbli x-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarret l-imputata waqt l-investigazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif inghad aktar il-fuq, l-imputata qed tigi akkuzata bi traffikar tad-droga eroina u b'pussess aggravat ta' l-istess droga eroina.

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- L-imputata kienet dipendenti fuq id-droga u li l-hajja taghha kienet kaotika. Dan jirrizulta kemm mid-depozizzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard (*a fol.* 170 *et seq.*) u mis-*Social Inquiry Report* redatt minnha (Dok. "MA 1" – *a fol.* 171 *et seq.*) fejn f'liema depozizzjoni u rapport jinghad ukoll li l-imputata bidlet hajjietha u mxiet ghal pozittiv.

- Gie konfermat li Jason Abela maghruf bhala "it-Turan" kien il-*partner* tal-imputata fil-kawza odjerna u li l-imsemmi Abela huwa maghruf mal-Pulizija fejn jirrigwarda traffikar ta' droga, fejn gie sentenzjat in segwitu ta' diversi kawzi u fejn wehel anke pieni effettivi ta' habs. Dan jirrizulta b'mod car mid-depozizzjoni tal-Assistent Kummissarju gia' Supretendent Dennis Theuma. Anke l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech jixhed fuq l-istess linji meta mistoqsi dwar hekk in kontro-ezami.

- Ghandu jinghad li l-Pulizija li tressqu jixhdu fir-rigward ta' dak li gara fl-1 ta' Frar 2010 xehdu fuq l-istess linji u dana b'mod specjali meta jinghad minnhom x'ghamlet l-imputata meta kienet fil-vettura u meta giet avvicinata mill-Pulizija, fejn kellha idha ponn u mal-art kien hemm borza b'xi *sachets* tal-karti li fihom irrizulta li kien hemm id-droga eroina.

- Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata u l-*partner* taghha Jason Abela mill-kcina gew elevati xi karti mqattghin u kotba tal-*Owners Best* li jinghad li kienu jidhru li huma simili hafna tal-qratas li nstabu fejn kien hemm l-imputata.

Illi huwa minnu li fid-depozizzjoni moghtija minn jeddha u b'mod volontarju fil-Qorti l-imputata kkonfermat li lill-Pulizija qaltilhom dak li jirrizulta fl-istqarrija rilaxxata minnha, pero' ghandu jinghad ukoll li fl-istess depozizzjoni nghad minnha li dak li qalet fl-

istqarrija ma kienx minnu u fid-depozizzjoni taghha spjegat ghala kienet qalet dak li qalet fl-isqarrija. L-imputata **fl-ebda mument** ma kkonfermat bil-gurament l-istqarrija rilaxxata minnha lill-Pulizija. Hija kkonfermat **BISS** li kienet qalet lill-Pulizija dak li jirrizulta fl-istqarrija pero' bhala kontenut ma kkonfermatux. Il-Qorti ma tridx tinsa li gie deciz aktar il-fuq li l-istqarrija rilaxxata mill-imputata ghandha tigi skartata mill-Qorti u dana minhabba r-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq. Fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti, l-imputata fl-ebda mument ma tghid li kienet tbiegh id-droga ghal ghoxrin Euro (€20.00) u fl-ebda mument ma tghid li d-droga li kienet tixtri kienu juzaw minnha hija u Jason Abela kif gie sottomess mill-Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 193). Dan inghad **BISS** mill-imputata fl-istqarrija rilaxxata minnha liema stqarrija giet skartata. Fid-depozizzjoni moghtija minnha quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, l-imputata tixhed li hija qatt ma bieghet id-droga u hija sahqet li d-droga in kwistjoni ma kinitx taghha pero' kienet tal-*partner* taghha. Fl-istess depozizzjoni, l-imputata filwaqt li ammettiet li kienet taf li fil-vettura kien hemm borza bil-pakketti tad-droga, pero' tishaq li dawn ma kienux taghha pero' ta' Jason Abela tant li tghid li qabel Jason Abela dahal jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija, hu qalilha: *"Zommli dawn, u b'hekk kont naf"* (*a fol.* 137). Meta giet mistoqsija tghid ghalfejn zammiethom ladarba kienet taf li kien hemm l-eroina, wiegbet: *"Dak il-hin mhux ha toqghod tghid ghal fejn hu"* (*a fol.* 137). Spjegat li wara li kienet ser terga' taghtihomlu. Apparti minn dan, ghandu jinghad ukoll li meta l-imputata giet mistoqsija tghid x'kien jaghmel Jason Abela meta kien idahhal id-droga ghandhom, wiegbet: *"Jippakkjaha hu biex ikun jista' jbieghha hu u jhalli ftit biex niehdu ahna"* (*a fol.* 135). In kontro-ezami, meta giet mistoqsija dwar il-*magazines* li nstabu d-dar, l-imputata tghid li dawn kien juzahom Jason u kien iqatta' minnhom biex jaghmel l-eroina fihom. L-imputata sahqet ukoll li kienet tibza' minn Jason Abela u ma riditx tghabbieh b'izjed kazijiet milli kellu u tghid ukoll li riedet tohrog minn quddiem il-Pulizija peress li kienu hadulha t-tfal.

Apparti dan t'hawn fuq, ghad-domanda maghmula mid-difiza lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech jekk hassx li hawn kellu sitwazzjoni fejn xi hadd kien qed jerfa' xi haga ta' haddiehor,

wiegeb: *"Huwa element illi tista' tigi f'dubju fih hafna drabi specjalment fejn jidhlu partners jew ahwa. Jigifieri hija xi haga naturali li jghaddilek – imma ma jfissirx – trid tara x'jirrizultalek. Jien personalment irrizultali, issa jiena ovvjament issa huma x'inhuma l-hsibijiet tieghi whatsoever, per ezempju, lil Jason Farrugia [Abela] minghalih li ressaqtu…"* (*a fol.* 29). Jghid: *"Fil-fatt darba gie hawn min ghalih li akkuzat hu"* (*a fol.* 29).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha li jiccirkondu l-kaz odjern, hija propensa li taccetta bhala verosimili l-verzjoni moghtija mill-imputata meta tat id-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fejn spjegat ta' min kienet id-droga misjuba, u dana in segwitu tal-fatt li l-istqarrija rilaxxata minnha giet skartata. Isegwi ghalhekk li l-Qorti ma hijiex ser issib htija fl-imputata tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghha.

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputata kellhiex xi involviment f'dak li hija giet akkuzata bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' QATT ikun prova univoka u ma jista' QATT iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputata hija hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputata u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputata mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata Jacqueline Farrugia hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba saret fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputata Jacqueline Farrugia giet liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**